HAL BALZAN

IT-TIENI SENA Nru. 10 — LEĦEN IL-KUNSILL ĊIVIK U — MARZU/APRIL 1973

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

(10) IL-KNEJJES IŻ-ŻGĦAR TA' ĦAL BALZAN

IL-KNISJA TA' S. MARIJA (ikompli)

Wara li rajna xi ħaġa dwar meta nbniet l-Ewwel Knisja ta' Santa Marija, fejn kienet, u kif kienet, u wkoll tajna deskrizzjoni tagħha minn ġewwa, baqgħalna issa nitkellmu dwar it-tliet artali li kellha din il-Knisja.

L-Artal Maġġur

L-Isqof Cagliares, fl-1615, igħidilna li l-artal prinċipali ta' din il-Knisja kien tal-ġebel, b'tarġa waħda, li kien artal tajjeb, u li ma kien jonqsu xejn għalbiex fuqu jitqaddes il-quddies. Igħidilna wkoll li dan l-artal kien qiegħed taħt apside forma rettangolari.(1)

L-Isqof Balaguer, barra milli jsemmi kemm kien armat tajjeb dan l-artal, igħidilna li quddiemu kien hemm ventartal tal-ġilda li kien sabiħ ħafna.(2)

L-aħjar deskrizzjoni tal-kwadru titulari ta' din il-Knisja jagħtihielna l-istess Isqof Balaguer, fejn igħidilna li f'dan il-kwadru, in-naħa ta' fuq jidher il-Missier Etern, u li n-naħa t'isfel hemm ix-xbieha ta' Marija Santissma mtellgħa s-sema. Dan il-kwadru kien imdawwar bi gwarniċ indurat bid-deheb u qiegħed fuq sfond iswed.(3)

Fuq l-artal maġġur kienet titqaddes Quddiesa nhar il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, imħollija minn Andrea Vella, skond l-Atti tan-Nutar Bernardo Azzopardi tat-2 ta' Ġunju 1607.

L-Artal ta' Santa Katerina minn Siena

L-Isqof Mons. Gargallo, meta żar lil din il-Knisja nhar l-4 ta' Diċembru 1601, sab li n-naħa tal-lemin kien hemm artal iddedikat lil Santa Katerina minn Siena Verġni u Martri.(4)

L-Isqof Balaguer isemmi li dan l-artal kien żgħir u li kien tal-ġebel.(5) Il-Kwadru ta' fuq dan l-artal jirrappreżenta ż-Żwieġ ma' Kristu ta' Santa Katerina minn Siena. Dan il-kwadru kien imdawwar bi gwarniċ sabiħ u fuqu kien hemm tużell biex iħarsu mit-trab.(6) Illum dan il-kwadru qiegħed fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali. Quddiem l-artal kien hemm ventartal tat-tila mpitter.(7) Dan l-artal kellu quddiemu mdendel lampier li kien jinxtegħel kull nhar ta' Sibt.(8)

Bħala l-ewwel prokuratur ta' dan l-artal insibu lil Xmun Vella minn Ħal Balzan li, barra milli kien jieħu ħsieb jixgħel il-lampier, kien ukoll jaħseb għall-Quddiesa nhar il-Festa ta' Santa Katerina.(9)

IL-KNISJA TA' SANTA MARIJA

L-Artal tal-Madonna tas-Sokkors

Nhar l-4 ta' Diċembru 1601, meta l-Isqof Gargallo għamel żjara lill-Knisja ta' Santa Marija, huwa sab li fuq in-naħa tax-xellug kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tas-Sokkors. Nafu li dan l-artal kien ta' ġuspatronat ta' Andrea Vella minn Ħal Balzan, kif jidher mid-digriet ta' l-Isqof tal-1594.(10)

Fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cagliares, tat-28 ta' Novembru 1615, insibu li dan l-artal sar magħruf bħala l-artal iddedikat lill-Kunċizzjoni Immakolata ta' Marija Santissma.(11) Iżda fl-1646 mill-ġdid jerġa' jiġi magħruf bħala l-artal tas-Sokkors.(12) Dan l-artal kien tal-ġebel u titla' għalih b'tarġa waħda. Quddiem dan l-artal kien hemm ventartal tat-tila mpitter.(13)

Il-lampier ta' quddiem dan l-artal kien jinxtegħel is-Sibtijiet fil-għaxija u fil-festi, skond legat imħolli minn Andrea Vella, skond kif jidher mill-Atti tan-Nutar Bernardu Azzopardi tat-2 ta' Ġunju 1607.(14)

Fl-1637, ir-rettur ta' dan l-artal kien Dun Alwiġ Hagius, li kien jieħu ħsieb li kull nhar ta' Ġimgħa ssir Quddiesa tal-Passjoni u Quddiesa oħra nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni ta' Marija Verġni.(15)

L-Artal ta' San Ġużepp

L-ewwel darba li nsibu msemmi l-artal iddedikat lill-Patrijarka San Ġużepp kien fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel lil din il-Knisja l-Isqof Balthassar Cagliares, nhar it-28 ta' Novembru 1615. B'hekk mat-tlett artali issa kien żdied ieħor. Dan l-artal kien ukoll fuq il-lemin bħal dak ta' Santa Katerina. Kienet id-devozzjoni li kellu Ġużeppi Vella lejn San Ġużepp li qanqlitu biex iwaqqaf dan l-artal. Dan Ġużeppi Vella obbliga ruħu u lill-werrieta tiegħu li jixegħlu l-lampier fil-granet tas-soltu u li jieħdu ħsieb li jsir l-Għasar lejlet il-Festa ta' San Ġużepp, kif ukoll li titqaddes Quddiesa nhar il-Festa.(16)

Skond l-Atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb tat-13 ta' Jannar 1603, Ġużeppi Vella ħalla dar biex jista' jitwettaq il-għan tiegħu li jsir l-Għasar u l-Quddiesa fil-Festa ta' San Ġużepp u li jinxtegħel il-lampier is-Sibtijiet u fil-festi, kif ukoll li jsiru 34 Quddiesa matul is-sena.(17)

Prokuraturi tal-Knisja

Meta Mons. Duzina żar il-Knisja fl-1575, din il-Knisja kienet għadha mingħajr Rettur, iżda Ċensu Micallef kien jieħu ħsieb li jsir il-Għasar u l-Quddiesa f'nhar Santa Marija.(18)

Prokuraturi oħra kienu Marju Chetcuti u Antonio Mifsud. Skond l-Atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb tal-5 ta' Jannar 1625, Marietta, mart il-mejjet Marju Micallef, ħalliet somma flus lil din il-Knisja.(19)

Din il-Knisja ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer nhar it-12 ta' Diċembru 1658, fl-istess jum li ġew ipprofanati l-Knejjes ta' San Mikiel u tal-Vitorja. Dan l-isqof ordna li l-ġid u l-obbligi jiġu trasferiti fil-Knisja Parrokkjali.(20)

IT-TIENI KNISJA TA' SANTA MARIJA

Id-deċiżjoni meħuda mill-Isqof Mikiel Balaguer, li biha ddikjara bħala profanata l-Knisja ta' Santa Marija, ġiet meħuda mill-istess Isqof fuq relazzjoni li tah il-Vigarju Ġenerali, Mons. Alessandru Bologna, fil-Viżta li dan għamel f'isem l-Isqof lil din il-Knisja ta' Santa Marija nhar it-12 ta' Diċembru 1658. Din id-deċiżjoni ma għoġbot xejn lil dawk il-Balzanin li kienu jiffrekwentaw din il-Knisja. Dawn in-nies ħassew li b'hekk mhux ser jibqgħu jiġu moqdija mis-smigħ tal-Quddies, u wkoll dan il-pass kien sejjer joftomhom mill-qraba u l-ħbieb tagħhom li kienu midfunin fil-Knisja u fiċ-ċimiterju tagħha. Tant ħassewha bi kbira din id-deċiżjoni li, b'mod jew b'ieħor, riedu jwasslu d-dispjaċir tagħhom lill-Isqof u, fil-waqt li jitolbuh jirrikonsidra għal darb'oħra d-deċiżjoni tiegħu, jwiegħduh li jagħmlu ħilithom kollha biex jirristawraw mill-ġdid din il-Knisja.

Din li ġejja hija ittra li wasslu lill-Isqof dawn il-Balzanin.

Lill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Mikiel G. Balaguer Camarasa, Isqof ta' Malta.

Illustrissmu u Reverendissmu Monsinjur,

Dun Dumink Debono, Giovanni u Antonio Debono, Gio Maria Frendo u oħrajn mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, servi devoti ta' l-Illustrissma u Reverendissma Eċċellenza Tiegħek, itennu li fil-Viżta li għaddiet (nhar it-12 ta' Diċembru 1658) ġiet ipprofanata l-Knisja li tinsab u qiegħda f'Ħal Balzan taħt it-titlu tat-Tlugħ fis-Sema ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, li fiha huma midfuna l-antenati tagħhom u ħafna oħrajn mill-istess raħal, peress li din il-Knisja kienet waħda mill-knejjes ewlenin li kien hawn fl-imsemmi Raħal. Knisja antika ħafna, mibnija fil-qalba tar-Raħal u ffrekwentata mill-Poplu. Fl-imsemmija Knisja, hemm bosta obbligi ta' Quddies. F'din il-Knisja jitqaddsu kuljum minn tnejn sa tliet quddisiet, kif ukoll ta' kuljum jattendu ħafna nies biex iwettqu d-devozzjonijiet tagħhom. Hemm ukoll diversi kapitali mħollijin biex tista' tinżamm din il-Knisja. Issa, aħna li qed nidhru msemmijin u oħrajn li huma bħalna nteressati li din il-Knisja ma tiġix iddikjarata bħala profanata, aħna lesti biex nobbligaw ruħna li ma nħallu xejn li jista' jsir kontra dak li jrid il-Konċilju ta' Trentu bħalma hemm fil-"Collectanea Doctrinae sub. Concil. Sess. 21, Cap. 7."

Għalhekk dawn li qegħdin jiktbu, jitolbu lill-Eċċellenza Tiegħek Illustrissma u Reverendissma biex jekk hu possibbli li terġa' tiddikjara lill-imsemmija Knisja 'mhix aktar profanata', u tordna li jerġgħu jiġu mogħtija lura lil din il-Knisja kull ma kienet tippossjiedi, u li terġa' tiġi rranġata fl-istat ta' qabel. (21)

Id-dfin imsemmi fl-ittra ta' hawn fuq ma kienx isir biss fil-Knisja ta' Santa Marija, iżda nafu li sa mis-sena 1591 kien isir ukoll fiċ-ċimiterju ta' ħdejn l-imsemmija Knisja.(22)

Referenzi:

1. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87. Ark. Arċiv.
2. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol.. 247. Ark. Arċiv.
3. Op. Cit.
4. CARGALLO T.: Visit. Past. fol. 223. Ark. Arċiv.
5. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 247. Ark. Arċiv.
6. Op. Cit.
7. Op. Cit.
8. Op. Cit.
9. CARGALLO T.: Visit. Past. fol. 223. Ark. Arċiv.
10. Op. Cit.
11. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87. Ark. Arċiv.
12. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 207. Ark. Arċiv.
13. ibid. fol. 247.
14. Ibid.
15. Ibid.
16. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87. Ark. Arċiv.
17. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 247. Ark. Arċiv.
18. DUZINA P.: Visit. Apost. fol. 69.
19. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 147. Ark. Arċiv.
20. Op. Cit.
21. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 236. Ark. Arċiv.
22. ALPHERAN P.: Visit. Past. fol. 323. Ark. Arċiv.

Ħareġ il-ktieb ta' poeżiji —

L-ILMA TAL-WIED

— tal-poeta Ġorġ Borg minn Ħal Balzan. Ir-ritratt fuq il-qoxra tal-ktieb huwa skultura ċeramika ta' l-artist Balzani Gabriel Caruana. Inħeġġu lil kull min għandu għal qalbu l-Ilsien Malti u l-letteratura tiegħu sabiex jikseb kopja mill-aktar fis.

GENUINE ANTIQUES WORKS OF ART, SECOND-HAND HOUSEHOLD GOODS, BOUTIQUE AND LADIES HAIR STYLIST ALL UNDER ONE ROOF AT:

BENNY'S SHOWROOMS

HIGH STREET, BALZAN

CONTRACTORS FOR UPHOLSTERY, POLISHING, FRAME-MAKING AND HOUSE DECORATIONS.

Tel. 45513

Editorjal

IL-ĦTIEĠA TAL-KUNSILLI ĊIVIĊI

"Is-Sehem tal - Kommunità fil-Pajjiż" — dan kien is-suġġett tas-seminar organizzat mill-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi nhar il-Ħadd, 18 ta' Frar, 1973. Il-kelliema ewlenin f'dan is-seminar, li sar f'Mount St. Joseph, Tat-Tarġa, kienu l-Prof. Ġużè Aquilina, Dr. Paul Xuereb, u s-Sur G.V. Bilocca, is-Segretarju Ġenerali tal-Konfederazzjoni. Fis-seminar ingħarbel tajjeb is-siwi ta' dawn il-Kunsilli Ċiviċi u s-sehem li jistgħu jagħtu għall-prosperità tal-belt jew raħal li fih ikunu jaħdmu. Waħda mir-riżoluzzjonijiet importanti li ttieħdu kienet li għandhom iħeġġu sabiex il-Gvern ifittex jippubblika l-'White Paper' li kien wiegħed dwar il-Kunsilli Ċiviċi mill-aktar fis possibbli, ħalli b'hekk dawn il-Kunsilli jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom aħjar u b'mod iżjed konkret.

Huwa fatt li l-Kunsilli Ċiviċi kollha li għandna f'Malta bħalissa — kemm dawk li minn dejjem kienu 'l quddiem ħafna fl-attivitajiet tagħhom, kif ukoll dawk li l-ħidma tagħhom qatt ma kienet kbira — il-lum naqqsu ħafna mill-enerġija tagħhom jekk mhux ukoll waqgħu fi stat ta' apatija. Dan ġej mill-fatt li dawn il-Kunsilli qed iħossu li l-awtorità ċivili mhijiex qegħda tagħraf u tirrikonoxxi biżżejjed is-sehem li huma jixtiequ joffru 'l-pajjiż.

Iżda hawn ta' min jistaqsi: Imma xi ħtieġa għandhom dawn il-Kunsilli Ċiviċi f'pajjiż ċkejken bħal Malta fejn l-ilmenti u l-ħtiġijiet tal-poplu malajr jaslu quddiem ir-rappreżentanti ta' l-istess poplu fil-Kamra tad-Deputati? Inwieġbu: Illum, billi għola l-livell ta' l-edukazzjoni u l-poplu sar iktar jemmen fid-drittijiet tiegħu bħala ċittadin, il-poplu tagħna m'għadux iżjed dak il-poplu iżolat, li l-ħsieb tiegħu jwassal biss safejn jidħlu l-interessi tiegħu personali u dawk tal-familja tiegħu; imma l-poplu tagħna sar iktar konxju mill-identità ta' pajjiżu bħala nazzjon u għalhekk beda jqis ruħu iktar bħala ċittadin li jagħmel sehem minn kommunità u li jkun qed jilħaq il-għan tiegħu u jaqdi dmiru tajjeb biss meta jinteressa ruħu fil-kommunità ta' madwaru.

Ħadd ma jista' jiċħad li dan is-sentiment huwa wieħed nobbli u ta' min ifaħħru. U l-Kunsilli Ċiviċi tagħna huma appuntu frott ta' dan is-sentiment; fil-fatt huma msawra minn nies li offrew sehem mill-ħin ħieles tagħhom sabiex iwettqu xi ġid lill-kommunità li fiha jgħammru. U għalhekk kull min għandu għal qalbu l-ġid ta' pajjiżu u li jixtieq jara 'l pajjiżu miexi 'l quddiem malajr jagħraf il-ħtieġa ta' dawn il-Kunsilli Ċiviċi. Huwa fatt li ħadd ma jista' jmerieh li fiż-żmien li ilhom imwaqqfa, il-Kunsilli Ċiviċi għenu ħafna l-qawmien tas-sens ċiviku fost in-nies tal-bliet u r-rħula tagħna. Bis-saħħa ta' dawn il-Kunsilli, il-poplu tagħna sar iktar igħożż il-wirt ta' missirijietu u dak kollu li pajjiżu għandu x'joffri. Barra dan, il-Kunsilli Ċiviċi huma ta' ħtieġa wkoll għall-mexxejja ċivili għax jekk dawn jagħarfu jagħmlu użu tajjeb minnhom dawn il-Kunsilli jistgħu jservu ta' ħolqa bejn il-Gvern u n-nies tal-lokal.

Minn dan kollu jidher ċar li l-Kunsilli Ċiviċi mhux talli m'għaddiex żmienhom imma talli l-ħtieġa tagħhom illum qed tinħass aktar minn qabel. Nammettu li dawn il-Kunsilli jistgħu jkunu rriformati, fis-sens li l-uffiċjali tagħhom jiġu magħżula aktar demokratikament; imma naqblu wkoll li huwa ta' min jinkoraġġixxi nies li lesti joffru s-servizz voluntarju tagħhom għall-ġid tal-kommunità. Għalhekk inħeġġu lill-Gvern sabiex ifittex jippubblika l-'White Paper' dwar il-Kunsilli Ċiviċi u b'hekk jasal li jagħrafhom legalment.

MOYGA HOUSE
GENT WEAR
136, St. Lucia Street,
Valletta.
Tel. 25180.

1925 - Sett ta' Qniepen Godda

Minn ANTON

Meta tkun f'tarf ir-raħal, ngħidu aħna l-Wied jew lejn il-Linja, lejlet xi festa tar-raħal, jew nhar ta' Ħamis fil-għaxija, wara l-Barka, ma jistax ikun li ma jolqtokx id-daqq tal-qniepen sbieħ li jżejnu l-Kampnar majestuż tal-Knisja sabiħa tagħna! Fl-artiklu tal-lum irrid nagħti tifħir u nuri ringrazzjament lil dawk il-ftit, Balzanin bħalna, li bi tbatija liema bħalha rnexxielhom jiġbru għall-qniepen, ħamsin sena ilu. F'artiklu ieħor, niftakru daqsxejn f'oħrajn li stinkaw sabiex jitkompla dan is-sett sabiħ ta' qniepen billi ġabru l-flus għall-qanpiena l-ġdida.

Wara li spiċċat il-Gwerra l-Kbira, ħsieb in-nies tar-raħal reġa' għad-drawwiet qodma ta' qabel. Il-ħtieġa li jinbidlu l-qniepen kienet tinħass ferm! Biex tagħqad, inkisret ukoll il-qanpiena li kien għad fadal sħiħa. Iltaqa' Kumitat fl-1919 għal dan il-għan. Hu kellu jieħu ħsieb il-ġbir għall-qniepen. Is-soċi tal-'Każin tal-Qniepen', kif kienu laqqmuh xi wħud, riedu li l-Festa Titulari tibqa' ssir xorta waħda, u bir-raġun. Il-Kaxxier tal-Każin, is-sur Wiġi Briffa, li nzerta l-Kaxxier tal-Kumitat tal-Qniepen ukoll, wiegħed li l-flus sabiex tkun tista' titkompla ssir il-Festa jiġu pprovduti xorta waħda.

Il-Kumitat tal-Qniepen kien kompost hekk:

President: Is-Sur Ġużepp Vassallo ta' Mudest;

Segretarju: In-Nutar Luigi Gauci Forno;

Kaxxier: Is-Sur Luigi Briffa;

Viċi-Kaxxier: Is-Sur Salvatore Pisani;

Il-Membri l-oħra kienu s-Sinjuri: Salvu Debono ta' Peppina, Fredu Camilleri, Karmenu Muscat (Ta' Vokali), Mikiel Micallef (Tal-Fanfra), Karmenu Pisani (Tat-Tanti), Ċensu Brincat (Ċensu Balal), Ġużeppi Sammut (Missier Dun Spir), u Franġesku Sammut.

Inkarigati mill-ġbir ta' barra kienu Ċensu Brincat u Mikiel Micallef, waqt li l-ġbir tas-siġġijiet (b'kunsens ta' l-Isqof Dumnikan, l-Isqof Portelli) kien f'idejn Salvu Debono, Karmnu Pisani u Ċensu Brincat. Wieħed kien jiġbor in-naħa tan-nisa, fil-kursija, ieħor in-naħa ta' San Mikiel, u l-ieħor in-naħa tas-Sagrament.

Bdew jitqassmu l-flieles fid-djar sabiex in-nies irabbuhom sriedek u tiġieġ ħalli mbagħad jinbiegħu u l-flus imorru għall-qniepen. Saru ħames fieri, waħda l-Argotti fit-30 ta' Marzu 1924, oħra Sant' Anton fit-12 ta' Lulju 1925, oħra l-iskola tal-Gvern, u tnejn il-Każin.

Ta' min isemmi li fil-Fiera li saret Sant'Anton kien hemm lotterija ta' għoġol ħaj. Xi membri tal-Kumitat għal ftit ma ġewx fil-frisk għax, għalkemm il-permess kien għal Sant'Anton, minn xi ħmistax qabel bdew iduru l-irħula ta' Malta sabiex ibiegħu biljetti fil-għoġol.

Inqabdu Ħal Qormi u ħelsuha bil-ħniena! Il-lotterija kienet li jew tieħu l-għoġol ħaj jew inkella flusu. Oħroġ il-għaġeb, tala' Bormla lil wieħed sinjur li ħa flusu. Imbagħad l-għoġol inxtara minn Pietru Debono mlaqqam ta' Ħattard.

Waqt li l-ġbir kien dejjem sejjer, ġie deċiż li l-qniepen jinħadmu għand id-Ditta Paccard ta' Annecy, fi Franza. Din id-ditta f'belt żgħira fi Franza kienet dik li ħadmet l-akbar qanpiena fid-dinja, dik tar-Russja, li tiżen għoxrin elf kilogramm. Tant kienu kburin id-diriġenti tad-Ditta Paccard li l-korrispondenza kollha mas-Segretarju tal-Kumitat kienet issir fuq kartolini li l-quddiem tagħhom kien juri din il-qanpiena li kienet iġġib l-iseb ta' Ġovanna D'Arco.

Tnejn mill-ħames qniepen il-qodma nbiegħu hawn Malta, waħda lill-Kunvent u l-oħra San Ġiljan. L-oħrajn ġew imkissra għall-bronż tagħhom u nbiegħu lid-Ditta Paccard. Iżda x-xiħa baqgħet! Il-Fondatur intonaha u kellu jagħmel erbgħa oħra sabiex is-Sett ikun ta' ħamsa. Dawn kellhom ikunu:

'Ġovanna D'Arco' ta' 628 Kilogramm

'Valentina' ta' 851 Kilogramm

'Ġużeppina' ta' 1472 Kilogramm

u 'Annunzjata' ta' 2100 Kilogramm

Ix-xiħa, jew it-Tielet, kif nafuha aħna, kellha tibqa'. Din ukoll iġġib l-isem ta' 'Annunzjata'.

Skond rendikont maħruġ fil-15 ta' Diċembru 1926, u ffirmat mill-uffiċjali tal-Kumitat u mill-Kappillan, il-Wisq Rev. Mons. Franġesku Saverju Zahra, juri li l-qniepen qamu ma' £1033. Silta minn dan ir-rendikont turi li l-flus għall-qniepen inġabru hekk:

Lotteriji, bejgħ ta' flieles, eċċ (30/11/19-30/11/26)	£306. 0. 2
Ħames Fieri	£119. 14. 6
Siġġijiet tal-Knisja (8/3/25-31/12/26)	£103. 4 7
Kambji u mgħax	£ 63. 19. 0
Alburali	£130. 5. 3
Qniepen qodma ...	£310. 0. 0
Totali	£ 1033. 3. 6

Dawn tħallsu f'erba' pagamenti. Il-bejgħ tal-qniepen il-qodma taffa s-somma bi tliet mija u għaxar liri. Id-dazju kien £72. Flus għal dan ma kienx hemm, iżda l-Kumitat ħarġu s-somma bejniethom bil-patt li jiġu mħallsa mill-ġbir tas-siġġijiet.

Il-Qniepen fl-aħħar tlestew u nġiebu Malta. Il-Balzanin dlonk laqgħuhom u tawhom merħba liema bħalha! Tbierku nhar il-Ħamis, 19 ta' Marzu 1925, u ttellgħu f'posthom fuq il-Kampnar nhar is-Sibt u l-Ħadd, 21 u 22 tax-xahar. Ritratt ta' dan l-avveniment jinsab f'inkwatru fil-Każini. Il-Balzanin iltaqgħu bi ħġarhom fuq iz-zuntier taħt is-siġar ta' l-oleandru sabiex għall-ewwel darba jisimgħu t-tokki ħelwin tal-qniepen il-ġodda!

Dana kollu seħħ b'riħet ftit Balzanin li b'ħafna sagrifiċċji u taqtigħ il-qalb irnexxielhom jiġbru u jġibu fostna sett qniepen tant jixirqu lil raħal twelidna. L-ewwel darba li nisimgħuhom idoqqu f'nota ferriħija, inlissnu talba għas-suffraġju ta' dawk li b'tant ħerqa ħadmu sabiex isseħħ ix-xewqa tal-Balzanin li jkollhom qniepen ferrieħa li jfakkruhom fi dmirijiethom lejn il-Ħallieq tagħhom.

(Ħajr lis-Sur Wiġi Briffa li mingħajr it-tagħrif li tani ma kontx nasal sabiex nikteb dana l-artiklu.)

ĠUBLEW TAL-FIDDA

ĊIRKOLU S. RITA — AZZ. KATT. (NISA) BALZAN

Fid-19 ta' Frar, iċ-Ċirkolu Santa Rita ta' l-Azzjoni Kattolika Nisa ta' Ħal Balzan għalaq 25 sena minn mindu ġie mwaqqaf. L-ewwel Presidente kienet is - Sinjura Lucy Peralta, u l-ewwel Assistent Ekkleżjastiku kien Dun Karm Diacono.

Biex jiċċelebra dan il-Ġublew tal-Fidda, iċ-Ċirkolu organizza ġimgħa ta' laqgħat għan-nisa kollha tal-Parroċċa fis-Sala Parrokkjali. Tkellmu persuni magħrufa għax-xogħol tagħhom fl-Azzjoni Kattolika fuq suġġetti li jmissu d-dmirijiet tal-mara kemm fil-familja u kemm fis-soċjetà. Nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar, Mons. Carmelo Xuereb tkellem fuq "Il-mara tal-lum f'darha", u fisser id-dmirijiet tal-mara mal-familja tagħha. L-għada, id-Dott. Lydia Zammit tkellmet fuq ir-relazzjonijiet tal-mara ma' ħbiebha; filwaqt li l-Erbgħa, Dun Alwiġ Deguara, Arċipriet tas-Siġġiewi, tħaddet fuq "L-apostolat tal-mara tal-lum". Il-Ħamis, imbagħad, saret siegħa adorazzjoni ppriedkata fil-Knisja Parrokkjali. Ippriedka Dun Pawl Attard fuq "Il-mara tal-lum u d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija".

Diskussjoni ferm interessanti kienet dik li saret il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, li kienet immexxija mis-Sinjura Elvira Montanaro, Presidente Ċentrali tan-Nisa Azzjoni Kattolika. Hija tkellmet fuq suġġett li jolqot ħafna l-mara f'dawn iż-żminijiet — il-kriżi spiritwali li minnha għaddejja l-mara llum. Din il-kriżi, spjegat is-Sinjura Montanaro, hija ħtija tal-bruda spiritwali u tat-telf tad-dekor tal-mara. "Il-mara tiġġieled għad-drittijiet tagħha imma tilfet is-sens ta' dmirijietha". Din il-ġimgħa ta' taħditiet spiċċat b'quddiesa kkonċelebrat mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Em. Galea, Vigarju Ġenerali, il-Kan. J. Brincat, Assistent Ekkleżjastiku Ċentrali Nisa, u l-qassisin tal-Parroċċa. Wara sar festin fiċ-Ċirkolu.

L-iskop ewlieni ta' din il-ġimgħa ta' attivitajiet kien mhux biss li jiġi ċċelebrat il-Ġublew tal-Fidda taċ-Ċirkolu imma biex isir appell lin-nisa tal-Parroċċa sabiex jidħlu fl-Azzjoni Kattolika. L-għan ta' l-Azzjoni Kattolika huwa li jeduka lill-mara kemm spiritwalment kif ukoll soċjalment. Il-mara hija l-edukatriċi ewlenija ta' wliedha, u għalhekk id-dmir tagħha lejn is-soċjetà huwa importanti wisq. L-Azzjoni Kattolika ma tagħmilx ħlief tħarreġ lill-mara biex taq-

(jissokta f'paġna 3)

Elite MENSWEAR
of South Street, Valletta

DRESS WEAR
HIRE SERVICE
FOR
FASHIONABLE
WEDDINGS
AND
SPECIAL OCCASIONS

We sell clothes too!
IN FACT WE ARE
THE EXCLUSIVE CENTRE
FOR MENSWEAR
JRP

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Mill-Għid il-Kbir ta' din is-sena, li jaħbat fit-22 ta' April, jibda jobbliga r-rit il-ġdid tal-Magħmudija. Għalkemm fil-Parroċċa tagħna ġa saret Magħmudija bir-rit il-ġdid, u preċiżament fit-28 ta' Jannar li għadda, jidhirli li, imħabba li dan ir-rit jeħtieġ tħejjija f'kulħadd biex jirnexxi u jħalli l-ġid mixtieq, għandi napprofitta ruħi minn din l-okkażjoni li nilħaq il-parruċċani tiegħi kollha, biex nagħti xi tagħrif fil-qosor fuq xi ftit minn dak li l-poplu għandu jkun jaf fuq dan is-suġġett. Ma nistax ngħid dak kollu li nixtieq fil-ftit spazju li għandi, imma nipprova ngħid dak li huwa l-aktar meħtieġ.

Il-Magħmudija m'għandhiex issir qabel ma l-ġenituri jkunu jistgħu jieħdu sehem fiha, u jkunu ġew imħejjija tajjeb. Ma għandhiex issir Magħmudija separata għal kull tarbija, imma ċelebrazzjoni komunitarja, jiġifieri għal għadd ta' trabi flimkien. Għandha ssir kemm jista' jkun fil-quddiesa, u l-aħjar nhar ta' Ħadd. Matul iċ-ċelebrazzjoni tar-rit kollu tal-Magħmudija t-tarbija tkun dejjem merfugħa mill-omm.

Huwa importanti ħafna li l-Kappillan ikun jaf bil-ġenituri li għandhom tarbija għall-Magħmudija kmieni kemm jista' jkun, ħalli jkun jista' javviċinahom u jħejjihom għaliha. Għalhekk il-ġenituri ma għandhomx jiffissaw jum il-Magħmudija tat-tarbija tagħhom qabel ma jkunu raw lill-Kappillan. Jekk jista' jkun, għandha ssir tħejjija kull tant żmien għall-ġenituri kollha qabel it-twelid tat-tarbija, biex hekk kulħadd ikun avżat x'għandu jsir f'ħinu, u mhux l-affarijiet isiru b'ċerta għaġġla u 'biex ikunu saru'. Bħalma jsiru t-tħejjijiet kollha meħtieġa għall-ħajja naturali tat-tarbija, hekk jixraq ukoll li l-ġenituri jiġu mħejjija fuq id-dmirijiet tagħhom dwar it-trobbija nisranija ta' wliedhom, li tibda bil-Magħmudija u tkompli bl-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.

Ħaġa meħtieġa li l-ġenituri għandhom ikunu jafu hija li għall-Magħmudija t-tarbija ma għandhiex tiġi mlibbsa bil-libsa tal-Magħmudija, imma b'libsa oħra, għaliex fi tmiem ir-rit is-saċerdot jagħti libsa bajda lill-ġenituri ta' kull tarbija mgħammda biex tlibbisħielha l-omm. Din fiha tifsira tassew sewja, jiġifieri li fil-Magħmudija aħna nilbsu lil Kristu. Ukoll, il-missier fi tmiem ir-rit għandu jixgħel xemgħa żgħira mill-blandun li jkun hemm fuq il-presbiterju (u l-blandun ifisser Kristu Rxoxt) u jżommha ħdejn it-tarbija tiegħu sa tmiem il-quddiesa. Din ix-xemgħa l-ġenituri għandhom igħożżuha bħala tifkira tal-Magħmudija tat-tarbija tagħhom. Għalhekk il-ġenituri għandhom jaħsbu biex iġibu magħhom il-Knisja għall-Magħmudija libsa bajda għat-tarbija u xemgħa ċkejkna.

Minn dan il-ftit tagħrif li tajt jidher li l-Knisja tixtieq li l-Magħmudija jkollha sehem importanti fil-bidu tal-ħajja nisranija tagħna, dak li forsi sa issa kien nieqes f'ħafna mill-familji tagħna, li aktarx kienu jħarsu lejn il-Magħmudija bħala wżanza ta' min iżommha, għax kulħadd igħammed lil uliedu. Irridu nibdew nifhmu sewwa lkoll kemm aħna li l-Magħmudija hija l-bidu ta' ħajja ġdida, ħajja oħra 'l fuq minn dik naturali, li tagħmilna wlied adottivi ta' Alla, sehem mill-poplu tiegħu, bid-dmir li ngħixu skond din is-sejħa, u bid-dritt għat-tgawdija ta' dejjem.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Ħadna pjaċir ħafna li din id-darba kellna numru kbar ta' tweġibiet mingħandkom. Dan ifisser li f'Ħal Balzan għandna tfal li jinteressaw irwieħhom minn dawk il-qdumijiet li ħallewlna missirijietna u li jinsabu mxerrdin fil-knejjes u t-toroq tagħna. Fil-kompetizzjoni li għaddiet, kellkom ritratt ta' l-istatwa ta' Santu Rokku li tinsab bejn Triq Santu Rokku u Triq il-Providenza. Tlieta minn dawk li bagħtulna l-kompetizzjoni tagħhom qalulna li din l-istatwa tinsab bejn il-Wied ta' Ħal Balzan u Triq il-Kbira. Tassew li f'dak il-post hemm statwa oħra ta' dan il-qaddis, imma mhux dik hi li dehret fir-ritratt. Qegħdin taraw, tfal, missirijietna kellhom devozzjoni hekk kbira lejn dan il-qaddis li fir-raħal tagħna biss insibu żewġ statwi tiegħu u knisja żgħira ddedikata lilu!

Din id-darba, billi issa dalwaqt niċċelebraw il-festi kbar tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir, il-kompetizzjoni għandha x'taqsam ma' dawn il-festi sbieħ. Hawn taħt għandkom tliet mistoqsijiet sabiex tweġbuhom:

1. F'liema ġrajja tfakkarna l-Knisja Mqaddsa fil-festa tal-Għid il-Kbir?

2. Għall-Għid il-Kbir, hija drawwa li nagħtu lil xulxin xi rigal speċjali bħala tifkira. X'inhu dan ir-rigal li jingħata għall-Għid?

3. Nhar il-Għid fil-għodu kmieni, insibu drawwa ħelwa u niltaqgħu magħha f'dawk il-postijiet fejn hemm l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, bħall-Belt, il-Birgu, Bormla, u oħrajn. Taf tgħidli x'inhi?

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq fl-indirizz tas-soltu, jew inkella impustawh intom stess fil-'letterbox' tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Fuq l-envelop iktbu biss KOMPETIZZJONI. Tinsewx tniżżlu fuq il-karta l-isem u l-indirizz tagħkom. Għandkom żmien sas-Sibt, 28 ta' April, 1973.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma: 1. Santu Rokku; 2. Triq Santu Rokku u Triq il-Providenza; 3. Il-Maltin kellhom devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis għax lilu kienu jitolbu fi żmien il-pesta billi huwa l-protettur kontra din il-marda.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa **Robert Cardona** li joqgħod 27, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

L-INFLUWENZA

MIT-TABIB

Waħda mill-mard l-iktar komuni tax-xitwa hija, bla dubju ta' xejn, l-influwenza. Din il-marda ħafna drabi titfaċċa f'forma ta' epidemija jew ta' pandemija. Kif naraw iktar 'il quddiem, din il-marda mhux dejjem hi xi waħda ħafifa, u speċjalment fix-xjuħ din tista' tressaq lill-pazjent anki għall-qabar.

L-influwenza hija kkaġunata minn tip ta' mikrobu li ngħidulu "virus". Minn dawn il-"virus" ta' l-influwenza hemm diversi tipi. L-influwenza wieħed joħodha meta jkun ħdejn wieħed li jkun qed jisgħol, bl-influwenza. Meta wieħed marid jisgħol, ikun qed iferrex il-mikrobi fl-arja, u dawn jistgħu jidħlu faċilment ġon-nifs ta' dawk il-persuni li jkunu viċin ta' dawn in-nies morda bl-influwenza. Għalhekk wieħed jista' jara l-importanza ta' ventilazzjoni tajba tal-kmamar u ta' l-użu ta' mkatar meta wieħed jisgħol.

Wieħed li jkun marid bl-influwenza jibda biex jilmenta minn ħedla, uġigħ ta' ras, uġigħ f'dirgħajh u f'daħru, u ġieli jkun imdardar u jirremetti. Wieħed marid bl-influwenza dejjem ikollu d-deni u wiċċu x'aktarx li jkun aħmar, kif ukoll ħalqu. Il-polz ikun imgħaġġel u x'aktarx ikun hemm is-sogħla.

L-influwenza tista' ġġib magħha diversi kumplikazzjonijiet, bħalma huma l-bronkite, il-bronkopulmonite, kif ukoll l-enkepalite. L-influwenza tista' tattakka l-qalb b'tali mod li l-persuna tmut minnufih. Din il-marda x'aktarx li tħalli wrajha persuna mdejqa u debboli ħafna.

L-aħjar mod kif naħarbu mill-influwenza hu li nivventilaw tajjeb id-djar, billi ma mmorrux fejn hemm il-folol, u billi naħarbu kemm nistgħu min-nies li nafu li għandhom l-influwenza. Dan iż-żmien hawn vaċċin li jista' jippreveni l-influwenza, u jekk wieħed li jkun ivvaċċinat jieħu l-influwenza x'aktarx li joħodha ħafifa. Dan il-vaċċin jistgħu joħduh il-kbar u ż-żgħar.

Wieħed li ħa l-influwenza għandu jinżamm id-dar ġossodda sakemm igħaddilu d-deni. Hawn mediċini li jnaqqsu s-sogħla u l-uġigħ ta' ras. Importanti ħafna li wieħed igħajjat it-tabib għas-sempliċi raġuni li din il-marda tista' tattakka l-bronki u allura ssir serja, u dan hu speċjalment importanti fiż-żgħar u fix-xjuħ.



ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Niftakar darba, meta kont għadni żagħżugħ, dħalt fi klassi ta' wieħed li kien qed igħallem lit-tfal u fosthom nilmaħ tifel li kien f'bank għalih waħdu. Imqanqal mill-kurżità, wara li spiċċat il-lezzjoni, staqsejt lil wieħed mit-tfal x'kien għamel ħażin dak it-tifel biex kien f'bank għalih waħdu. "M'għamel xejn ħażin," weġibni. "imma ħadd ma jkun irid joqgħod ħdejh għax iżomm ruħu maħmuġ u kważi jinten!"

Tfal, intom tafu kemm hija sabiħa l-indafa tal-ġisem u kemm tagħmilna sbieħ u maħbubin min-nies. L-indafa żżommkom b'saħħitkom u tbiegħed minnkom ħafna mard. Tfal li huma traskurati fl-indafa tal-ġisem malajr tonqos fihom ħafna enerġija, jidhru għajjenin iżjed minn tfal oħra, u jbiegħdu minnhom lit-tfal sħabhom. Għall-kuntrarju, meta wieħed jinħasel SEWWA kuljum, wiċċu jkun donnu jleqq, dejjem fuq ruħu, u d-daħka fuq fommu.

Għedtilkom "jinħasel SEWWA" għax bosta huma dawk it-tfal li qabel ma jmorru l-iskola jdellku ftit wiċċhom bl-ilma mhux biex jinħaslu imma biex ma jieħdux riħ minħabba li jkunu għadhom kemm qamu mis-sodda! Tfal bħal dawn ġieli tħares lejn għonqhom u ssibu iswed bil-ħmieġ u l-kulur tal-ġilda ta' wara widnejhom ma jkunx jaqbel ma' dak ta' wiċċhom. Jaħsbu li għax dellku wiċċhom u xarrbu ftit xagħarhom b'hekk ikunu ħadu banju!

Tfal li jżommu ruħhom indaf hu eħfef għalihom li jżommu f'moħħhom u jitgħallmu. Il-ħmieġ minnu nnifsu jagħmilna għajjenin u ma jħalliniex nisimgħu l-lezzjoni kif tassew jixraq. ***Fil-klassi,*** *tifel maħmuġ hu mwarrab minn sħabu u xi drabi, għalkemm mhux sewwa, jibdew igħajjruh u jiddieħku bih. L-indafa tkabbarlek in-numru ta' ħbiebek u tagħżlek fost l-oħrajn. Jekk tifel ikun nadif, min igħallmu jinġibed aktar lejh u jinteressa ruħu aktar fih.*

Għalhekk, tfal għeżież, qisu li tkunu ndaf dejjem u kullimkien; għax b'hekk tkunu togħġbu mhux biss lill-bnedmin iżda wkoll lil Alla li jieħu pjaċir jara 'l ġisimna, mogħti lilna mingħandu, nadif u safi. Fuq kollox, l-indafa tagħmilna ferħanin u f'saħħitna u tinduk-rana minn ħafna mard.

CACHIA & BORG

JEWELLERS

140, ST. LUCIA STREET, VALLETTA MALTA

Tel. Cent. 27852

SPORTS

minn Lawrence Scicluna

* BALZAN YOUTHS RESERVE — REBBIEĦA TAS-SEZZJONI — Jiena w nikteb dawn iż-żewġ kelmiet għadni qed nara l-entużjażmu u l-ferħ li kien hemm ħdejn il-Każin tal-'Balzan Youths' wara r-rebħa li t-tim tat-Tielet Diviżjoni 'Reserves' rebaħ kontra Senglea bl-iskor ta' 2-0. B'hekk aċċerta ruħu mir-rebħ tas-Sezzjoni. Allura din is-sena rnexxielna nirbħu Tazza għall-klabb tagħna, ħaġa li, kif għedt fil-ħarġa li għaddiet ta' din il-gazzetta, ilha nieqsa mit-timijiet tar-raħal tagħna. Mela kuraġġ! Għalkemm dan mhuwiex xi rebħ kbir, b'danakollu jiftħilna t-triq u jimliena bil-kuraġġ. Jimtlew bil-kuraġġ il-membri tal-Kumitat tal-"Balzan Youths" li s-sena kollha moħħhom fuq il-futbol, il-plejers li jitilfu ħafna żmien jittrenjaw u jilagħbu, u wkoll is-'supporters' li dejjem jiġu jaraw it-timijiet tar-raħal jilagħbu. Fost dawn is-'supporters' hemm ħafna tfal, li wrew il-ferħ tar-rebħa bil-bnadar, ċuqlajdi, karti, u sfafar li ġarrew magħhom. Dawn it-tfal ħafna minnhom ġa jilagħbu, u għalhekk jafu xi tfisser meta wieħed jitlef, jew inkella jirbaħ. Lil dawn it-tfal ngħidilhom: Kuraġġ, ħalli tikbru u tkunu tafu kull telfa taċċettawha u kull rebħa tiċċelebrawha. Prosit.

(jaqbad minn paġna 2)

di sewwa dan id-dmir tagħha. Il-mara tista' tagħmel l-apostolat tagħha fis-soċjetà. Id-doveri tal-mara miżżewġa ma jiqfux bejn l-erba' ħitan tad-dar, imma jinfirxu madwar ħbiebha, mal-morda, ir-romol, u l-fqar tal-Parroċċa.

Inħeġġu lin-nisa tal-Parroċċa tagħna, li jistgħu jagħtu siegħa mill-ħin tagħhom darba fil-ġimgħa, sabiex jattendu għal-laqgħat fiċ-Ċirkolu S. Rita. Hawnhekk il-mara mhux biss tikser il-monotonija li xi kultant taħkimha fir-rutina tax-xogħol tad-dar, imma titħarreġ kif tgħix iżjed sħiħa fit-twemmin tagħha u fid-dmirijiet tagħha domestiċi u ċiviċi.

BONACI PREMIER

KULL XORTA TA' ĦELU GĦAL TIĠIJIET, MAGĦMUDIJIET, U 'PARTIES'

IRRIKORRU

153/5, ST. LUCIA STR., VALLETTA TEL. 24399

54, MAIN STR., LIJA TEL. 24180

Wirt Dun Gorg f'Hal Balzan

HAMSIN SENA TA' HIDMA – 1923-1973

MINN CARMEL BEZZINA, B.A. TAQSIMA II

FI ŻMIEN IS-SUPERJUR ĠWANN MICALLEF, IL-MUSEUM F'HAL BALZAN ISSOKTA JIKBER U JKABBAR L-ATTIVITA' TIEGHU. IL-GHADD TAT-TFAL BAQA' DEJJEM JOKTOR, U GHALHEKK L-ISPEJJEŻ GHALL-HTIĠIJIET TAL-QASAM BDEW JIŻDIEDU. INSIBU LI FILWAQT LI SAL-1925 IS-SOĊI KIENU JHALLSU ERBA' SOLDI FIX-XAHAR KULL WIEHED, MINN FRAR TAL-1926 IL-MIŻATA GHOLIET GHAL SITT SOLDI. NATURALMENT, MIN MA SETAX, BAQA' JHALLAS ERBA' SOLDI; IŻDA NSIBU MEMBRI OHRA LI KIENU JIKKONTRIBWIXXU DIK IX-XI HAĠA IŻJED MILLI KIEN MITLUB. XI GHOTJIET MINN BENEFATTURI BARRANIN LANQAS MA KIENU JONQSU. IL-HIDMA TAL-MUSEUM MA BAQGHETX MAGHLUQA BISS GHAT-TAGHLIM TAD-DUTTRINA LIT-TFAL. FI ŻMIEN IS-SUPERJUR MICALLEF BDEW JIĠU ORGANIZZATI WKOLLIL-'QAGHDIET', JIĠIFIERI LEZZJONIJIET GHALL-KBAR LI MA KENUX IMORRU L-MUSEUM. DAWN IL-QAGHDIET GHADHOM ISIRU MIS-SOĊJETA' TAL-MUSEUM SAL-ĠURNATA TAL-LUM.

Is-Superjur Ġwann Micallef dam Superjur Partikulari tal-qasam sa Lulju jew Awwissu tal-1929. Is-Soċjetà Museumina kienet għalih l-ewwel tarġa għal vokazzjoni ogħla. Huwa wieġeb għas-sejħa tas-saċerdozju u għalhekk kellu jħalli s-Soċjetà. B'danakollu, huwa nnifsu jistqarr li l-vokazzjoni tiegħu saċerdotali jafha lill-Museum, minn fejn ħa l-formazzjoni reliġjuża tiegħu. Meta ħa l-Quddiesa, Dun Ġwann kien żar Ħal Balzan fejn iċċelebra l-quddiesa u l-membri tal-Museum għamlulu festin żgħir u tawh rigal.

Wara Ġwann Micallef laħaq superjur tal-qasam is-soċju Spiridione Sammut minn Hal Balzan.

FI ŻMIEN IS-SUPERJUR SPIRIDIONE SAMMUT — 1929-1938

Spiridione Sammut kien wieħed mill-ewlenin żgħażagħ Balzanin li għarfu l-ġid spiritwali li kellha x'toffri s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija u ngħaqdu magħha bħala membri. Għalhekk, meta fl-1929 is-Superjur Ġwann Micallef kellu jħalli l-kariga ta' Superjur Partikulari tal-qasam, kien hemm għadd sabiħ ta' żgħażagħ mir-raħal li kienu mrawma tajjeb fl-ispirtu qaddis tas-Soċjetà, hekk li kien wieħed minnhom, dan Spiridione Sammut, li nħatar bħala t-tielet Superjur tal-qasam. Il-firma tiegħu fuq ir-reġistri ta' l-ekonomija tibda tidher minn Novembru tal-1929.



Ir - Rev. Kan. Spiridione Sammut, it-tielet superjur tal-qasam (1929-1938).

Ħaġa kurjuża hi li Spiridione Sammut kellu jgħaddi mill-istess triq tas-superjur ta' qablu. Wara numru sabiħ ta' snin bħala membru fis-Soċjetà, huwa wkoll laħaq saċerdot. Illum, Spiridione Sammut huwa Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt, kif ukoll Kappillan tas-Sorijiet tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan. Iżda din l-attività pastorali li qed iwettaq illum Dun Spir, għax hekk huwa magħruf fost il-Balzanin, kellha bħala sies tagħha l-ħidma li huwa wettaq fil-Għaqda Museumina qalb it-tfal tal-Parroċċa.

Għalkemm meta laħaq superjur Spiridione Sammut il-Museum kien qabad ġmielu fir-raħal u kien indara tajjeb, b'danakollu hemm diversi attivitajiet li llum huma marbutin mas-Soċjetà u li ġew organizzati għall-ewwel darba fil-Parroċċa fi żmienu. Fost dawn, ta' min isemmi s-Sajdiet Museumini, li qatt ma kienu saru qabel f'Ħal Balzan. Dawn is-Sajdiet Museumini għadhom isiru sal-lum fl-ibliet u r-rħula tagħna l-aktar matul ix-xhur tas-sajf, u jikkonsistu f'ġimgħatejn sħaħ ta' taħditiet fuq suġġetti spiritwali minn soċi tal-Museum. Fi żmien is-Superjur Sammut x'aktarx li saru żewġ sajdiet.

L-Ewwel Sajda Museumina

F'waħda minn dawn is-sajdiet, jirrakkonta Dun Spir innifsu, tant kienu marru nies li saħansitra l-Kappillan, Dun F.S. Zahra, baqa' mistagħġeb. Din kienet x'aktarx l-ewwel sajda, u kienet saret fil-qasam fid-dawl tal-lampi tal-pitrolju. Il-qasam ta' kull lejla kien ikun mimli daqs bajda, fuq u isfel, hekk li l-kelliemi kien ikollu joqgħod fil-bieb bejn iż-żewġ kmamar ewlenin ħalli żgur jinstama' minn kullimkien. Il-kappillan ta' sikwit kien imur jagħti titwila u joqgħod jisma' dawk il-lezzjonijiet kollhom tagħlim li kienu jagħmlu dawk is-soċi li ħafna minnhom kienu ta' ftit skola. Waħda mil-lezzjonijiet li l-aktar laqtuh kienet dik dwar il-virtù tal-maħfra. Il-predikatur dak inhar kien Carmelo Zahra, li għadu membru tas-Soċjetà sal-lum fil-qasam tal-Birgu. Huwa magħruf li Dun Ġorġ ukoll kien għamel xi priedki f'din is-sajda.

Tibda l-Purċissjoni tal-Milied

Attività oħra li saret għall-ewwel darba f'Hal Balzan fi żmien is-Superjur Sammut hija l-Purċissjoni tal-Bambin lejlet il-Milied. Din il-purċissjoni, jew 'dimostrazzjoni' kif kien iħobb isejħilha Dun Ġorġ, saret għall-ewwel darba fil-Ħamrun għall-ħabta tal-1921, (1) u llum nistgħu ngħidu li hija waħda mill-aspetti ewlenin tal-Milied fil-gżejjer tagħna. Il-purċissjoni tal-Milied intlaqgħet b'ferħ u entużjażmu kbir mill-Balzanin, l-aktar meta niftakru li qabel ma kien isir xejn, u l-Milied kien donnu festa mejta. Fi żmien is-Superjur Sammut ukoll saru l-bandalori għal din il-purċissjoni, u t-tfal bdew jingħataw dik il-grotta żgħira b'xi żewġ pasturi ,skond ix-xewqa ta' Dun Ġorġ. Barra dan, it-tfal kienu jiġu mgħallma jkantaw l-għanjiet tal-Milied sa minn xi tliet xhur qabel. B'hekk, l-ispirtu qaddis ta' dawn il-festi sbieħ ħa ħajja ġdida bis-saħħa tal-purċissjoni. X'aktarx li f'din l-ewwel dimostrazzjoni l-priedka tat-tifel kienet saret minn tfajjel żgħir minn Birkirkara, wieħed Annunziato Falzon, li llum huwa perit. F'dan iż-żmien ukoll, il-Kappillan, nhar il-Milied filgħaxija, kien beda jagħmel festa oħra ta' Ġesù Bambin fil-Knisja Parrokkjali. Huwa kien xtara Bambin sabiħ u stieden 'il tal-Museum biex imorru jkantaw.


L-Ewwel Tqarbina tat-Tfal

Il-festa tal-Preċett tat-Tfal ukoll bdiet tiġi organizzata bil-kbir. It-tfal kienu jittieħdu ħdejn il-Knisja ta' Santa Marija u minn hemm, fost id-daqq tal-qniepen, kienu jinżlu f'purċissjoni mit-Triq il-Kbira li kienet tkun miksija bil-weraq aħdar tar-rand u l-liedna. F'din il-festa ta' l-Ewwel Tqarbina kienu jieħdu sehem ukoll xi drabi tfal u żgħażagħ minn oqsma ta' bnadi oħra: ġieli ġew xi membri mill-qasam tal-Belt, u ġieli wkoll minn dak tal-Furjana. Wara l-Quddiesa, kulħadd kien jingabar il-qasam u hemm jieħdu xi ftit kafe' jew xi ġelat. Dan kien ikun fil-għodu. Fil-għaxija, mbagħad, it-tfal kienu jakkumpanjaw fil-purċissjoni tal-Madonna tal-Ward u mbagħad jerġgħu jingabru l-Museum fejn, wara li kienu jiktbuhom fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, kienu jagħmlu festin ċkejken u jqassmu xi pasti w ġelati.

B'hekk naraw li kull ma jmur il-Museum f'Hal Balzan beda jikber u jiffoma ruħu bil-mod il-mod sakemm laħaq l-istat li fih nafuh illum. Dan sar bil-ħidma u l-kuraġġ tal-membri u bil-għajnuna tal-Balzanin kollha u ta' dawk li fehmu l-kontribut siewi li kienet qed tagħti din l-Għaqda fil-formazzjoni reliġjuża u ċivika ta' wlied il-poplu. Fost in-nies li taw l-għajnuna tagħhom lill-Museum fi żmien is-Superjur Sammut insibu lil wieħed patri Dumnikan, li kien professur tat-Teoloġija Dommatika f'Ruma. Meta kien jiġi Malta għall-vaganzi, huwa kien iqatta' xi erbat ijiem għand oħtu f'Ħal Balzan u ta' sikwit kien imur il-Museum igħallem xi klassi. Huwa tħajjar ukoll igħallem lit-tfal xi ftit kant; fil-fatt kien għallimhom xi siltiet mill-'Missa de Angelis'. Għal dan il-għan is-superjur kien xtara armonju mingħand wieħed organista mir-Rabat. Dan l-armonju sewa madwar sitt liri dak iż-żmien, u huwa l-istess wieħed li nsibu llum fil-qasam. Il-Kappillan, meta ra li tal-Museum għandhom qisu kor organizzat, mhux darba u tnejn stedinhom sabiex jieħdu sehem fil-kant f'xi festi tal-Parroċċa, bħal, ngħidu aħna, fil-festa ta' Corpus, tar-Rużarju, San Mikiel, u oħrajn.

Opri għall-Qasam

Fi żmien is-Superjur Spiridione Sammut inxtraw ħafna ħwejjeġ ta' ħtieġa għall-qasam u li ħafna minnhom huma mitluba mir-regola tas-Soċjetà. Għadna kif semmejna l-armonju, li jintuża ta' spiss fil-programmi tas-Soċjetà. Inxtara wkoll Kurċifiss kbir għall-kappella, l-istess wieħed li naraw illum. Dan il-Kurċifiss artistiku nħadem għand l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri fit-22 ta' Marzu tal-1934 u sewa żewġ liri u nofs. Għal fuq il-Kurċifiss kienu ħadmu tron ta' l-injam, xogħol is-soċju Balzani Franġisku Vassallo 'ta' Mudest'. Ħasbu wkoll għal qanpiena mdaqqsa sabiex issejjaħ it-tfal għad-duttrina. Din il-qanpiena hija l-istess waħda li għad hemm illum, u kienet inħadmet għand wieħed mill-Marsa. Il-qanpiena saret mill-ħafna bċejjeċ ta' ram li kienu ġabu t-tfal. Opra oħra li saret fi żmien is-Superjur Sammut hija l-istatwa żgħira ta' San Lawrenz, li għadha tinsab sal-lum fil-klassi tat-tfal Magħżulin. Qabel ma ordna din l-istatwa, is-superjur kien qal 'il Dun Ġorġ bil-ħsieb tiegħu. L-ideja għoġbitu ħafna 'l-Fundatur u qallu wkoll kif għandu jagħmlu — San Lawrenz liebes ta' djaknu bil-gradilja f'idu qiegħed iħaddan tfajjel Magħżul liebes il-kalzetti twal suwed sa taħt irkubbtejh, kif kienet titlob ir-regola dak iż-żmien. L-istatwa ġiet ordnata Lecce u swiet madwar lira w nofs.



Wieħed mir-regolamenti tas-Soċjetà Museumina jgħid li "fil-Kappella ta' kull Qasam m'għandux jonqos li jkun hemm Kurċifiss kbir. . ." (Reg. Nru. 127). Dan il-Kurċifiss sar fl-1934 fi żmien is-Superjur S. Sammut.

Barra dawn, irnexxielhom jiksbu wkoll artal sabiħ ta' l-injam. Dan kien ta' wieħed qassis, Dun Fred, li fi xjuħitu kien ġie joqgħod Ħal Balzan għall-kwiet. Dan l-artal x'aktarx li ma laħaqx żanżnu għax miet ftit wara li kienu ġabuhulu; imma billi kien wiegħdu 'l tal-Museum, dawk li jiġu minnu, meta miet, taw dan l-artal lill-Museum tar-raħal.

Ma' dan kollu li għedna, irridu nsemmu wkoll li l-għadd tat-tfal baqa' dejjem jiżdied, hekk li l-qasam kien sar żgħir wisq sabiex jiġbor fih dawk it-tfal kollha. Għalhekk, wara ftehim, mid-dar Nru. 6 il-qasam għadda għal dik Nru. 5 li kienet ftit ikbar, u li kienet ukoll ta' l-istess sid. Kien f'dan iż-żmien ukoll li t-tfal, nhar ta' Ħadd, wara l-'unjoni' ta' wara nofs in-nhar, bdew jittieħdu passiġġata, x'aktarx lejn tal-Mirakli jew l-Iklin. Is-Superjur Sammut kien joħdilhom il-ħelu, li dak iż-żmien al-lura kien sold il-kwart, u xi ftit 'buns' tas-sitt ħabbiet li kien jagħmel żewġ Marikarm, Alla jaħfirlu. Hemm, it-tfal kienu joqogħdu jiġru u jilagħbu xi noli jew ġwerra franċiża. Is-Soċjetà tal-Museum minn dejjem ħarset lejn il-passiġġata ta' nhar ta' Ħadd bħala ħaġa ta' siwi kbir għat-tfal, sabiex huma jieħdu r-rikreazzjoni tagħhom f'ambjent sempliċi, maqtugħ minn divertiment profan, u li fl-istess ħin iżżommhom magħqudin u miġburin mal-Għaqda li bdiet tara fihom is-soċi futuri tagħha.

Soċjetà ta' Vokazzjonijiet

Is-Soċjetà Museumina minn dejjem ħasbet ukoll sabiex trawwem fiż-żgħażagħ tagħha x-xewqa għall-vokazzjini saċerdotali. Dan jixhduh in-numru ta' soċi u kandidati li ta' kull sena jħallu s-Soċjetà sabiex jidħlu s-Seminarju jew jingħaqdu ma' xi Ordni Reliġjuż. Fiż-żmien li kien imexxi l-qasam is-Superjur Sammut, billi Hal Balzan minn dejjem kien nieqes mis-saċerdoti, huwa ħa f'idejh il-klassi tat-tfal Magħżulin, bit-tama li jkun hemm minnhom li jħaddnu s-sejħa għas-saċerdozju. Żmien minnhom kien hemm grupp ta' xi sitta jew seba' Magħżulin li kienu ħafna għal qalb is-Superjur Sammut. Fosthom kien hemm Ġorġ Ebejer, li aktar tard sar patri Kapuċċin, u llum huwa Patri Teofilu Ebejer; John Felice, li laħaq Ġiżwita; u l-aħwa Salvu u Saverinu Micallef, li ta' l-ewwel huwa saċerdot, filwaqt li Saverinu laħaq tabib. Fi żmien is-Superjur Sammut saru żewġ ċerimonji tal-Magħżulin u oħra tal-Kandidati.

Iżda mbagħad ġiet il-vokazzjoni ta' Spiridione Sammut innifsu; wara għadd ta' snin jaħdem fil-Għaqda Museumina, huwa ħass fih is-sejħa għas-saċerdozju. Huwa ħalla l-qasam li huwa stess kien mexxa għal madwar disa' snin għall-ħabta ta' Settembru tal-1938. Dan ma jfissirx li huwa tilef kull kuntatt li kellu mal-Museum; fil-fatt, qabel daħal is-Seminarju, huwa baqa' jattendi xi ftit għalkemm mhux regolarment, minħabba l-istudju u l-privat. Imma l-kontribut li Spiridione Sammut ta lill-qasam ta' Ħal Balzan kien kbir.

(1) Ara 'DUN ĠORĠ 1880-1962', Paġ. 27.

(jissokta)